MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 808/2004

SMS Insurance Agency Limited bhala agenzija ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Ecclesiastical Insurance Office p.l.c.
vs
Marco Attard

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Illi s-socjeta` attrici kienet harget polza ta' assigurazzjoni numru 03450 MPA 000522 fir-rigward ta' vettura tat-tip Honda CRX li kellha numru ta' registrazzjoni BBH294 abbazi ta' talba ghall-assikurazzjoni ossia *proposal form* tal-konvenut datata 2 ta' Marzu tas-sena 2000 (kopja annessa mac-citazzjoni bhala Dok A);

Illi ghall-mistoqsija 4.a. li kienet tinsab fil-parti "C" intitolata "is-Sewwieq tal-Vettura tieghek" fl-imsemmija *proposal*

*form* il-konvenut kien wiegeb li qatt ma kien gie mharrek jew misjub hati ta’ offiza b’xi vettura u ghall-mistoqsija 4.b. kien wiegeb li qatt ma kien instab hati ta’ xi offiza kriminali meta fil-fatt kien irrizulta lis-socjeta` attrici li l-konvenut kellu diversi proceduri kriminali, inkluzi proceduri li kienu jirrigwardaw sewqan perikoluz u frodi, f’liema proceduri huwa kien sahansitra nstab hati;

Illi ghall-mistoqsija 4.e. li tinsab fil-parti “C” intitolata “Is-Sewwieq tal-Vettura tieghek” fl-imsemmija *proposal form* il-konvenut kien wiegeb li ma kellu ebda telf jew incident u li ma kien ghamel ebda *claim* tul l-ahhar tliet snin b’konnessjoni ma’ xi vettura li kien isuq meta fil-fatt kien irrizulta lis-socjeta` attrici li l-konvenut kien ghamel *claims* ma’ socjeta` jew socjetajiet ta’ assigurazzjoni ohra;

Illi dawn il-fatti kienu fatti materjali u sostanzjali li jincidu direttament fuq l-istima tar-riskju li jkollu jaghmel l-assiguratur qabel ma jaccetta t-talba ta’ l-assigurat;

Illi s-socjeta` attrici ma kenitx tassigura lill-konvenut jew altrimenti ma kenitx tassigurah taht l-istess kundizzjonijiet kieku l-istess socjeta` kienet taf b’dawn il-fatti fil-mument li accettat it-talba ghall-assigurazzjoni;

Is-socjeta` attrici prevja kwalunkwe dikjarazzjoni opportuna inkluza d-dikjarazzjoni li l-konvenut naqas milli jindika fatti materjali u sostanzjali li skond il-ligi kellhom jigu indikati fit-talba tieghu ghall-assigurazzjoni, talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-polza ta’ assigurazzjoni numru 03450 MPA 000522 mahruga affavur tal-konvenut fir-rigward tal-vettura tieghu tat-tip Honda CRX bin-numru ta’ registrazzjoni BBH294 hija nulla u bla effett skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt stante li huwa f'ebda mument ma kien ghamel dikjarazzjonijiet qarrieqa jew naqas xjentement li jindika fatti materjali u sostanzjali li skond il-ligi kellhom jigu indikati fit-talba tieghu ghall-assikurazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni ta' Mark Asciak, Claims Supervisor tas-socjeta` attrici ghan-nom u in rapprezentanza taghha, li fiha ssemma li s-socjeta` attrici kienet harget polza ta' assigurazzjoni numru 03450 MPA 000522 rigward vettura tat-tip Honda CRX li kellha numru ta' registrazzjoni BBH294 abbazi ta' ***proposal form*** tal-konvenut datata 2 ta' Marzu tas-sena 2000. Ghall-mistoqsija 4.a. fil-***proposal form*** il-konvenut kien wiegeb li qatt ma kien gie mharrek jew misjub hati ta' offiza b'xi vettura u ghall-mistoqsija 4.b. kien wiegeb li qatt ma kien instab hati ta' xi offiza kriminali meta kien irrizulta lis-socjeta` attrici li l-konvenut kellu diversi proceduri kriminali. Ghall-mistoqsija 4.e. li tinsab fil-parti "C" tal-***proposal form*** il-konvenut kien wiegeb li ma kellu ebda telf jew incident u li ma kien ghamel ebda ***claim*** tul l-ahhar tliet snin b'konnessjoni ma' xi vettura li kien isuq izda kien irrizulta lis-socjeta` attrici li l-konvenut kien ghamel ***claims*** ma' socjeta` jew socjetajiet ta' assigurazzjoni ohra. Illi dawn il-fatti kienu jincidu direttament fuq l-istima tar-riskju li jkollu jaghmel l-assiguratur qabel ma jaccetta t-talba ta' l-assigurat. Illi s-socjeta` attrici ma kenitx tassigura lill-

konvenut jew altrimenti ma kenitx tassigurah taht l-istess kundizzjonijiet kieku l-istess socjeta` kienet taf b'dawn il-fatti fil-mument li accettat it-talba ghall-assigurazzjoni. Spicca biex jghid li dawn il-fatti kienu rrizultawlu personalment mir-***records*** tal-kaz u mill-investigazzjoni li kien ghamel.

Gie prezentat affidavit ta' Jonathan Abela li fih issemma li bejn Mejju 1996 u Gunju 2002 kien jahdem mas-socjeta` SMS Insurance Agency fil-kariga ta' assistant manager. Qal li l-ewwel claim li ghamel il-konvenut kienet bhala terza persuna minhabba li s-sewwieq l-iehor involut fil-habta kellu wkoll polza mas-socjeta` SMS. Il-problema bil-claims bdiet meta saru jafu li David Vella li kien is--sewwieq tal-vettura l-ohra li habtet mal-vettura misjuqa minn Attard, kien jahdem ma' l-istess Attard meta sija Attard u Vella meta konfrontati individwalment sostnew li ma jafux lil xulxin. Saru jafu wkoll li z-zewg sewwieqa kellhom fil-konfront taghhom diversi proceduri kriminali u nstabu hatja wkoll f'diversi okkazjonijiet. Fil-kaz ta' Vella kien hemm kaz ta' serq u fil-kaz tal-konvenut kien hemm kaz ta' frodi tal-assikurazzjoni u kien hemm sentenza ta' prigunerija sospiza. Kienu ezaminaw il-***proposal forms*** u rrizulta li dawn ir-reati ma gewx indikati lilhom fil-***proposal forms*** rispettivi u sostna li dan jammonta ghal ***uberrimae fidei*** u ma setghux jipprocessaw il-***claims*** taghhom. Irrizulta wkoll li l-konvenut ma kienx indika xi ***claims*** li kien ghamel precedentement ma' agenziji ta' assikurazzjoni ohrajn.

Semghet bil-gurament lill-Ispettur Mario Bonello li esebixxa kopja tal-fedina penali tal-konvenut.

Semghet bil-gurament lil Dennis Busuttil li qal li fiz-zmien in kwistjoni kien jopera ta' ***sub-agent*** tal-SMS Insurance Agency Limited. Il-***proposal form*** kien imliha x-xhud fil-prezenza tal-konvenut waqt li kien qed jaghmillu xi domandi. Qal li l-***handwriting*** fuq il-***proposal form*** hija ta' ibnu pero` minn meta saret il-***policy*** l-***handwriting*** hija tieghu. Qal li hu normali li meta l-valur ikun gholi fuq karozza ***second hand*** jitolbu ***survey***. Ma setax jiftakar

kemm-il darba ltaqa’ mal-konvenut u li darba minnhom il-konvenut kien mar ma’ xi tfajla l-agenzija.

Semghet bil-gurament lil Mark Axiaq Insurance Supervisor Claims Department tal-SMS Insurance Agency Limited li qal li r-raguni ghaliex qed jirrifjutaw li jhallsu l-***claim*** hija minhaba li r-risposti ghal 4A, 4B u 4C kienu kollha “***no***” meta fil-fatt huma rrizultalhom li riedu jigu “***yes***” u allura kien hemm ksur tal-kuntratt. Qal li l-konvenut cahad li hu kien iffirma l-***proposal form***.

Semghet bil-gurament lil Emanuel Galea Claims Manager ma’ Micallef Insurance li dak iz-zmien kienet tirrapprezenta lil Independent Insurance Limited. Kien hemm ***claim*** fit-22 ta’ Jannar 1999 mill-konvenut u bejn il-hsara tieghu u tat-***third party*** kien thallas Lm4,503.

Semghet bil-gurament lil Oliver Busuttil li qal jahdem ma’ missieru fis-***sub-agency*** tal-SMS. L-ufficcju taghhom qieghed il-Hamrun. Ra lill-konvenut Marco Attard fl-awla u qal li ma jafux. Ra l-***proposal*** forma fol 35 tal-process u qal li jahseb li l-firma hieja tieghu. Ma setax jiftakar li kien imliha l-***porposal form*** izda qal li l-***handwriting*** fuqha hija tieghu. Il-mod normali ta’ kif jimla l-formoli hija dejjem li jaqbad il-***proposal form***, ikun hemm il-persuna in kwistjoni quddiemu, jistaqsiha d-domandi u jikteb ir-risposti. Qal li kollha hekk jimlihom u assuma li din mhix eccezzjoni ghalkemm din in partikolari ma setax jiftakar jekk imlihiex. Zied jghid li mhix procedura tieghu li jibda jimla l-formola, jibghata lil xi hadd, jiffirmaha u jehodielhom lura u sakemm dan ma jkunx bniedem li jafu sewwa din ma jaghmlhiex. Ma setax jeskludi li seta’ gara dan il-fatt izda ma ftakarx.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut li fiha ssemma li l-vettura Honda CRX bin-numru ta’ registrazzjoni BBH294 kienet ilha proprjeta` tieghu ghal aktar minn hames snin u assikurata mal-MiddleSea Insurance Company p.l.c. Hu kien ser jittrasferixxi l-istess vettura lil Anthea Anastasi li kellha inqas minn hamsa u ghoxrin sena. L-agenti tal-assikuraturi tieghu sabu diffikulta` li jaccettaw li johorgu polza ohra fuq din il-persuna ghal dik it-tip ta’ karozza u

cioe` cabriolet. Ghalhekk Anastasi marret ghand Busuttil Insurance Office il-Hamrun, li kien broker, u dan spjegalha li peress li kien ghad hemm id-dejn fuq il-vettura din ma setghetx iddur fuqha u kwindi ma setghetx tinhareg polza fuq isimha. Huwa kien taha l-parir li tinhareg il-polza fuq is-sid li kien il-konvenut u hi titnizzel bhala "***authorised driver***". Dak il-hin staqsiha xi domandi li hi rrispondiet u sussegwentement taha l-***proposal form*** biex jiffirmaha l-konvenut. Il-***proposal form*** kien imliha l-***broker*** u lill-konvenut hadd ma staqsieh domandi.

Semghet bil-gurament lill-konvenut Marco Attard li qal li l-firma fuq il-proposal form hija tieghu u ffirma meta kien il-***garage*** jahdem ta' ***panel beater***. Qal li Anthea Anastasi kienet thajret tixtri l-karozza minghandu izda kien qed isib problemi biex tohrog il-polza ta' assikurazzjoni. Ghalhekk kien qal lil Anastasi tmur ghand tal-***insurance*** hi u jekk tohrog il-polza hu jbieghhilha l-karozza u ssuggerielha tmur ghand Busuttil izda hu ma kienx mar maghha. Huma qalulha li l-polza tohrog jekk ikollha ***survey report*** u l-konvenut kien hadha ghand ***surveyor*** ir-Rabat. Nesa jekk lil Busuttil hallsux b'cekk jew flus kontanti. Meta mar ihallas il-Honda kienet inxurjata.

Zied jghid li tal-insurance ripetutament hadem mieghu u gieli kien jehodlu hsieb kollox hu. Tal-SMS qatt ma kienu staqsewh xejn, anqas fuq il-***claims***. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-formola a fol 35 tal-process iffirmahiex hu qal li kienet hadithielu Anthea Anastasi u kien iffirmaha. Anthea Anastasi kienet tatu Lm1000 dakinhar li kien iffirma l-karta. Il-karta hu ma qrahiex, u qal li hu ma jafx jaqra bl-Ingliz u jaf ftit bil-Malti. Qal li meta kellhom inkontru hu ma kienx cahad li l-firma mhux tieghu, izda qal li ghall-ewwel ma setax jaraha sewwa u talab zmien biex jaraha sewwa.

Semghet bil-gurament lil Anthea Anastasi li qalet li xi hames snin ilu kienet qed tithajjar tixtri karozza minghand il-konvenut. Hu qalilha li mhux kontra li jbieghha izda kien ghad fadallu xi pagamenti x'jaghmel fuqha. Hi xtaqet tippruvaha u hu spjegalha li ma kellux ***insurance*** fuqha u li ma jistax ikun li ssuqha minghajr ma jaghmlu polza tal-

***insurance*** fuqha.  Anastasi staqsietu fejn setghet taghmel ***insurance*** u hu qalilha li gieli ghamel ***insurances*** ghand Busuttil tal-Hamrun u hi marret hemmhekk ma' habib taghha.  Il-konvenut kien taha l-***log book***.  Ta' Busuttil ma kellhomx il-valur tal-karozza fuq il-ktieb pero` kienu qalulha li mhix problema u li l-***insurance*** tohrog fuq sid il-karozza Marco Attard u li mbaghad wara din tkun tista' tigi mibdula ghal fuqha.  Qalulha wkoll li hu necessarju li l-karozza jaraha ***surveyor*** u ghalhekk baghatuha ghand ***surveyor***, ghalkemm ma indikawlhiex persuna specifika.  Kienu tawha l-karta tal-***insurance*** u qalulha li ried jiffirma fuqha sid il-karozza.  Rat il-formola a fol 35 tal-process u qalet li dik kienet il-karta.  Kien imliha quddiemha tal-***insurance*** u kien tahielha u qalilha li meta terga' tmur tiehu hsieb li tehodlu l-istess formola ffirmata, il-flus u s-***survey report***.  Hi kienet marret ghand is-***surveyor*** mal-konvenut ir-Rabat.  In segwitu kienet marret ma' habib taghha ghand tal-***insurance*** u hallsitu u tatu l-karti.  Dak li kienet kellmet ghand tal-***insurance*** kien wiehed fl-ghoxrinijiet izda meta marret thallas kienet hallset wiehed li kien akbar fl-eta`.  Kull ma tatu kien il-***log book*** u kien ghamel l-informazzjoni fuqha, u biex mela l-formola a fol 35 lilha ma kien staqsiha xejn.  Hi tahseb li l-informazzjoni fuq il-konvenut gja kellhom ghax gja kellu xi karozzi inxurjati maghhom.

In kontro ezami qalet li l-***proposal form*** ma gietx iffirmata dakinhar stess li kienet haditha fis-sens li marret l-ewwel darba u mbaghad in segwitu kienet marret aktar tard.  Aktar tard iffirmaha quddiemha l-***proposal form*** u kienet hadithielhom lura hi.

Semghet bil-gurament lil <u>Kevin Gatt</u> li qal li  xi hames snin ilu kien mar ma' Anthea Anastasi ghand tal-***insurance***, ghand ta' Busuttil, biex tara dwar l-***insurance*** tal-karozza Honda CRX.  Kellhom bzonn il-firma ta' min kienet il-karozza.  Deherlu li waqt li kienu hemmhekk Anastasi mliet xi karti.  Ra d-dokument a fol 35 tal-process u qal li l-karta li mliet Anastasi kienet bhalha.  Marco Attard ma kienx maghhom u ghalhekk kellhom imorru minghand tal-insurance ghand Marco Attard biex jiffirmaha.  Ghand Busuttil, il-karta kien imliha wiehed ghadu zghir, u

Anastasi ma kienet imliet xejn fuqha u wara ffirmaha Marco Attard, izda ma kienx jaf jekk dan qrahiex jew le.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi nharget polza ta’ assikurazzjoni mis-socjeta` attrici fir-rigward ta’ vettura tat-tip Honda CRX li ghandha numru ta’ registrazzjoni BBH 294 abbazi ta’ talba ghall-assikurazzjoni ossia ***proposal form*** datata 2 ta’ Marzu 2000. Illi eventwalment, irrizulta, lis-socjeta` attrici li ghall-mistoqsijiet li jinsabu fil-paragrafu 4, il-konvenut wiegeb li qatt ma nstab hati ta’ offiza kriminali, meta fil-fatt, instab li huwa kellu diversi proceduri kriminali.

Irrizulta wkoll, li ghad-domanda kellux xi telf, incident jew ghamilx xi talba ghall-kumpens tul dawn l-ahhar tlett snin b’konnessjoni ma’ xi vettura li kien qed isuq huwa wiegeb fin-negattiv, filwaqt li rrizulta li kien ghamel ***claims*** ma’ socjetajiet ta’ assikurazzjoni ohra. Illi s-socjeta` attrici pprocediet bil-kawza odjerna sabiex il-polza mahruga favur il-konvenut tigi dikjarata nulla u bla effett. Il-konvenut eccepixxa li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li huwa m’ghamel l-ebda dikjarazzjoni qarrieqa u li huwa ma naqasx li jindika fatti materjali ghall-polza ta’ l-assikurazzjoni.

Ma hemmx dubju li fil-“***proposal form***” iffirmata mill-konvenut, ir-risposti ghall-klawsola 4, a, b u e kienu fin-negattiv (a fol 7). Illi rrizulta li dan ma kienx minnu. Dan gie kkonfermat bix-xhieda ta’ L-Ispettur Mario Bonello li esebixxa l-fedina penali ta’ Marco Attard. Gie osservat li l-konvenut instab hati talli f’Awissu 1993 kien iddenunzja lill-Pulizija reat li jaf li ma sarx u b’qerq holoq tracci ta’ reat (fol 27 a tergo). Gie dikjarat ukoll fil-fedina penali li l-konvenut instab hati f’ Lulju tal-1998 li saq vettura b’mod eccessiv, u li f’ Marzu 1999 rega’ naqas milli josserva r-regolamenti tat-traffiku u saq il-vettura b’manjiera perikoluza. ( fol 28 a tergo).

Illi gie dikjarat ukoll mill-konvenut li fl-ahhar tlett snin, m’ghamel l-ebda ***claim*** ma’ kumpanija ohra ta’ assikurazzjoni. Illi x-xhud Emanuel Galea, ikkonferma a fol 38 li Marco Attard fil-fatt ghamel claim mal-kumpanija

Independent Insurance Limited datata 22 ta' Jannar 1999 ghall-ammont ta' LM4,503. (a fol 39-40).

Hekk kif gie dikjarat fil-kawza **Antonio Zammit vs Joseph Micallef noe.** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Jannar 1952:
"Il-proposal form hija parti integrali tal-polza ta' l-assikurazzjoni; u kwindi dikjarazzjoni falza maghmula fil-formola hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza."

Informazzjoni dwar htija ta' offizi kriminali, u mistoqsijiet dwar jekk sarux ***claims*** mill-applikant ma' kumpaniji ohra ta' l-assikurazzjoni, huma meqjusa bhala parti integrali, mill-elementi tal-kuntratt ta' l-assikurazzjoni, ghax dan huwa element li jinfluwixxi fuq ir-riskju.

Kif inghad fil-gurisprudenza Taljana (ara sent. Rep **Navarrini u Vedani** comm. Art.429, para. 65):
"Il proporrente un contratto di assigurazione assume intera responsabbilta per la dichiarazione contenute nella proposta che e parte integrale della polizza, anche se non scritta di suo pugno."

U proprju fil-parti tal-polza hemm imnizzel, "Jien niddikjara li qrajt jew gejt moqrija lilu din it-talba ghall-assikurazzjoni mimlija u niddikjara li dak li hemm miktub hawn fuq huwa skond il-fehma tieghi sewwa u komplet u ser ikun il-bazi tal-kuntratt bejni u Ecclesiastical Insurance office p.l.c. (a fol 9).

Hekk kif gie ribadit fil-kawza citata hawn fuq:
"….hu risaput li l-kuntratt ta' l-assikurazzjoni hu "uberrimae fidei", u ghandha ghalhekk issir mill-assikurat lill-assikuratur "complete disclosure" ta' kull ma jinfluwixxi fuq ir-riskju."
(Porter, ibidem. Pag.8). il-Qorti tirritjeni li kien hemm dikjarazzjoni inkorretta mill-konvenut fil-kaz taht ezami. Dan ghaliex irrizulta mill-provi li kellu diversi proceduri kriminali kontrih qabel ma ffirma din il-polza. Kif ukoll, irrizulta li l-konvenut, fl-1999, ghamel ***claim*** ma' kumpanija ohra ta' l-assikurazzjoni, kuntrarjament ghal dak li ntqal fil-polza.

Hekk kif qal ukoll l-awtur **Porter**, loc. Cit, p.162:
"If representations are made part of the policy, they become warranties; and if they are untrue, the policy will be avoided, even if the loss has not arisen from the fact cancelled or misrepresented."

Gie ritenut fil-gurisprudenza taljana 9loc. Cit., para 64): "l'ommessa dichiarazione nella polizza di una circostanza aggravante il rischio importa irremissibilmente la nullita` della assicurazione."

Dan kollu jwassal ghall-fatt li jekk fil-"***proposal form***" jigi moghti dettall li ma jikkorrispondix mal-fatti, il-kumpanija assikuratrici ma hix responsabbli ghall-hsara li tista' tigri lill-proprjeta` assikurata, u dan ghaliex dik l-indikazzjoni hazina tirrendi invalida l-polza tas-sigurta`. Illi fil-polza stess hemm dikjarat li:
"Failure to disclose material facts which an insurer would regard as likely to influence the acceptance and assessment of your proposal can lead to your policy being rendered void."

Kuntratt ta' assikurazzjoni huwa kuntratt ***"uberimae fidei"*** u huwa principju accettat mill-awturi u l-gurisprudenza kollha in materja, li kuntratt ta' assikurazzjoni huwa riskju ghal min johrog il-kopertura, u kwindi hu mistenni li min jitlob assikurazzjoni jkun onest maghha u jaghtiha l-informazzjoni kollha materjali u rilevanti ghall-kaz. Hekk fil-kawza **Rozanes vs Bowen** , 1928, il-Qorti Ingliza osservat,
"It has been for centuries in England the law in connection with insurance of all sorts, that as the underwriter knows nothing and the man who comes to him to ask him to ensure, knows everything it is the duty of the assured, the man who desires to have a policy, to make a full disclosure to the underwriters, without being asked, of all the material circumstances. This is expressed by saying that it is a contract of the utmost good faith."
(ara **Joseph Mamo vs Joseph Grech u Joseph Gasan** deciza mill-Qorti Civili Prim Awla fit-3 ta' ottubru 2002, u

**Joseph Rizzo vs John Formosa noe.** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2002).

Illi kif inghad ukoll fil-kawza **Antonio Zammit vs Joseph Micallef noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta'Jannar 1952:
"Infatti hu risaput li l-kuntratt ta' l-assikurazzjoni hu "uberrimae fidei", u ghandha ghalhekk issir mill-assikurat lill-assikuratur "complete disclosure" ta' kull ma jinfluwixxi fuq ir-riskju."
(ara porter ibidem, pag. 8).

L-informazzjoni mitluba fil-***proposal form*** tifforma parti mill-elementi tal-kuntratt ta' assikurazzjoni, ghax dik l-informazzjoni crtament tinfluwixxi fuq ir-riskju, ladarba tkun imnizzla fil-formola. Ir-riskju f'materja ta' assikurazzjoni huwa dak kontemplat fil-mument tal-kuntrattazzjoni ta' l-assikurazzjoni, u kif espress fil-polza. Illi l-Qorti mhix sodisfatta b'dak li ntqal mill-konvenut, li ghalkemm iffirma l-polza ( a fol 36), qal li ffirmaha fil-***garage*** fejn kien qed jahdem minhabba li l-karozza li kienet ser tigi assigurata kienet ser tixtriha Anthea Anastasi u ghalhekk kienet din il-persuna li fil-fatt, marret ghand il-kumpanija ta' l-assikurazzjoni, u huwa ffirma biss il-polza. Illi ghalxejn jigi nsinwat li d-domandi setghu ma sarux lill-assikurat, ghax dan kien fid-dmir jaghti – informazzjoni kollha mehtiega, qabel jiffirma l-polza.

Fid-dawl tal-premess huwa ghalhekk principju accettat mill-Qrati Maltin, li huwa dmir ta' l-assikurat li jikxef lill-assikuratur kull cirkostanzi relevanti ghall-kaz, u in partikolari billi jwiegeb korrettament ghal kull domanda li jkun hemm registrata fil-polza. Fil-fatt, ta' min josserva li kif qalet il-Qorti Ingliza fil-kawza "**Arterial Converters Ltd vs Yorkshire Insurance Co.**" fl-1973 (per Chapman J.):
" the primary obligation was one of disclosure on the part of the insured, not of enquiry on the insurer."

Dan il-principju gie spjegat ukoll f'**Birds' Modern Insurance Law** – pg 101 –102:
"the contract of insurance is the primary illustration of a class of contracts described as uberimae fidei that is, of

the utmost godd faith. As a result, the potential parties to it are bound to volunteer to eachother before the contract is concluded information that is material”…….The basic effect of this duty can be stated quite simply. An applicant for insurance is under a duty to disclose to the insurer, prior to the conclusion of the contract, but only up to this date, all material facts within this knowledge, which the latter does not or is deemed not to know. A failure to disclose, however innocent, entitles the insurer to avoid the contract *‘ab initio’*, and upon avoidance it is deemed never to have existed. The insurer must avoid within a reasonable time of becoming aware of the non-disclosure.”
(Ara wkoll, **Dr. Gerald Montanaro Gauci vs Alex Agius Cesareo et** deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fit-31 ta’ Jannar 2002, u **Anthony Vassalo vs Alfred S. Azzopardi nomine** deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fil-21 ta’ April 1999).

Illi infatti fis-sentenza **Michael Bertuello vs Victor Cordina pro et nomine,** Appell Kummercjali deciz fil-11 ta’ Lulju 1994, inghad li:
“hu principju bazilari tal-ligi civili li l-kuntratti kollha ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi. Dan japplika aktar u aktar fil-kuntratt ta’ assikurazzjoni fejn il-ligi tesigi miz-zewg partijiet kontraenti ***‘uberima fides’***.

Illi din l-istess regola giet spjegata fil-kaz **Carter vs Boehm** (1766) 3 Burr. 1905 at 1909) meta **Lord Mansfield** spjega li:
“Insurance is a contract upon speculation. The special facts, upon which the contingent chance is to be computed, lie mostly in the knowledge of the insured only: the underwriter trusts to his representation, and proceeds upon the confidence that he does not keep back any circumstance in his knowledge, to mislead the underwriter into a belief that the circumstance does not exist, and to induce him to estimate the risk as if it did not exist.”

Illi rigward dak li huwa materjali ghall-finijiet tal-hrug tal-polza, jigi rilevat li l-informazzjoni rikjesta fil-***proposal form*** ghandha titqies li hija dejjem materjali, stante l-

importanza li l-istess assiguratur ikun qed jaghti lil tali dettal jew domanda, ghalix altrimenti kieku ma kinitx tkun inkluza fl-istess ***proposal form***, pero` gie stabbilit ukoll li:
“a fact is material for the purposes of both non-disclosure and misrepresentation if it is one which would influence the judgement of a reasonable or prudent insurer in deciding whether or not to accept the risk or what premium to charge or possibly, whether to impose particular terms in the contracts such as, exclusion or an excess.”
(**Birds’ Modern Insurance Law –** pg.100 – Law Commission Report No. 104 para.4.48).

E. **KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk abbazi ta’ dak fuq espost, jirrizulta li t-talba tas-socjeta` attrici ghandha tigi milqugha stante li l-konvenut naqas da parti tieghu li jaghti lill-assikuratur fatti materjali u importanti direttament rikjesti lilu fil-***proposal form*** u huwa ma osservax il-principju ta’ ***uberimae fides*** li jirregola l-kuntratt ta’ assikurazzjoni u ghalhekk tali kuntratt ta’ assikurazzjoni ghandu u qed jigi dikjarat bhala null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Spejjez kontra l-konvenut

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------